MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 207/2007/1

**Rita Sultana, Andreina Sultana u Roberta Muscat**

**vs**

**Antoine Colombo, Charlton Micallef, Angelo Sciata, David Cutajar u Victor Scerri**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Novembru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat l-10 ta' Lulju tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimati quddiem din il-qorti sabeix jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsuhom, jew min minnhom, is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti, li ma teccediex il-kompetenza ta' din il-qorti, rapprezentanti d-danni kawzati b'rizultat tal-incident li gara fit-28 ta' Lulju tas-sena 2005, meta b'rizultat ta' xoghol li kien qed isir minnhom fil-vicinanzi tal-proprieta` tar-rikorrenti tkissru irrimedjabbilment il-*"canopies"* tar-rikorrenti, konsistenti dawn id-danni fir-rimpjazzament tal-istess "*canopies"* kif ukoll fin-nuqqas ta' qliegh li r-rikorrenti nkorrew ghall-perjodu li dawn il-*"canopies"* damu biex jigu rimpjazzati, oltre spejjez ancillari ghall-istess;

2. Bl-imghax legali mid-data tal-pagament ghall-istess *canopies* fl-ammont ta' elf seba' mija u erbgha u sittin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM1,764.91,0) u bl-ispejjez komprizi dawk ta' sitt (6) ittri legali kontra l-intimati li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat ir-risposta ta' l-intimati datata l-5 t'Ottubru tas-sena 2007 li permezz taghha wiegbu bil-mod segwenti:

1. L-entita` tad-danni huma kontestati;

2. Stante li l-ammont mitlub huwa *da liquidarsi* ma jibdiex jiddekorri imghax qabel ma' tali ammont jigi likwidat permezz ta' sentenza li tghaddi in gudikat;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru tas-sena 2008 li permezz tieghu r-rapprezentant legali ta' l-intimati rtira l-ewwel (1) eccezzjoni tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji u l-gesturi tal-fond maghruf bl-isem ta' *"Drop Inn"*, ta' Qui-si-sana f'Tas-Sliema;

2. Illi jirrizulta li fit-28 ta' Lulju tas-sena 2005, meta haddiema kienu qed jippruvaw itellghu xi hgieg f'xi fond adjacenti ghal dak tar-rikorrenti, dawn il-haddiema waqqghu dan il-hgieg minn diversi sulari fl-gholi bil-konsegwenza li kissru xi tined u xi mwejjed ta' l-imsemmi fond proprjeta` tar-rikorrenti;

3. Illi ghalkemm fortunatament ma' wegga' hadd, pero' l-hsarat ikkagunati anke lir-rikorrenti kienu ingenti u konsegwentement issejhet anke l-pulizija;

4. Illi meta wahda mis-sidien tal-fond tar-rikorrenti ikkuntattjat lis-sid ta' l-intrapriza li maghha l-haddiema li kkagunaw il-hsara huma impjegati, dan, wara li ammetta t-tort, assiguraha li kien ser ihallasha tal-hsarat lilha kkagunati;

5. Illi l-kumpanija assigurattrici ta' din l-intrapriza baghtet *"surveyor"* taghha biex jezamina s-sitwazzjoni relattiva ghall-kumpanija assigurattrici tieghu;

6. Illi meta s-sidien rikorrenti rcevew l-istima ghax-xogholijiet li kienu issa necessarji biex jissostitwixu l-hsarat minnhom inkorsi, dawn baghtuhom lis-*"surveyor"* fuq riferit li sussegwentement, wara li ezamina l-istess, informa lir-rikorrenti li setghu jipprocedu bix-

xogholijiet necessarji biex jissostitwixxu t-tined imkissra kagun ta' l-incident de quo;

7. Illi meta t-tined il-godda tlestew, twahhlu fil-post u l-kont finali taghhom kien ezatt skont il-kwotazzjoni precedenti li kienet preventivament giet ezaminta mis-"*surveyor*" fuq indikat;

8. Illi l-hsarat komplessivi, (tined, imwejjed u siggijiet), sofferti mir-rikorrenti kienu jammontaw ghall-elf, seba' mija u  erbgha u sittin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (LM1.764.91,0);

9. Illi meta r-rikorrenti ippruvaw jigbru dan l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti mis-socjeta` assigurattirici li ghazlet li tintrometti ruhha, din ta' l-ahhar bdiet tipprokrastina, ittawwal u tghaddi lir-rikorrenti biz-zmien – agir li mhux xieraq minn kumpanija assigurattrici li qeghda hemm fost affarijiet ohra biex "tassigura" l-mohh ta' min ikun sofra danni bla tort;

10. Illi biex il-hsarat setghu jigu sostitwiti, ir-rikorrenti damu xahrejn u dan ikkaguna danni ulterjuri kkalkolat mir-rikorrenti fl-ammont ta' bejn wiehed u iehor disa' mitt Lira Maltin, (LM900.00,0);

11. Illi peress li l-intimati, stradati mis-socjeta` assiguratrici fuq indikata baqghu inadempjenti, ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda alternattiva hlief li jipprocedu b'din il-procedura;

Ikkunsidrat;

Illi l-posizzjoni ta' l-intimati tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimati f'din il-procedura qed jistriehu fuq id-direzzjoni li qed taghtihom is-socjeta` assigurattrici li giet indikata aktar qabel;

2. Illi din is-socjeta` talbet lir-rikorrenti taghtiha l-ircevuti originali ta’ meta nxtraw it-tined, l-imwejjed u s-siggijiet imkissra biex din tkun tista` legittimament taghmel il-verifiki taghha;

3. Illi peress li r-rikorrenti kienu wkoll nfurmaw lil din is-socjeta` assigurattrici li t-tined kienu nxurjati fl-ammont ta’ elf seba’ mija u erbghin Lira Maltin (LM1,740.00,0), talbu wkoll jaraw il-polza assigurattiva taghhom;

4. Illi ghalkemm sar xi tentattiv ta’ transazzjoni pero` dan ma halla l-ebda frott;

5. Illi wara li kienet ukoll intalbet somma mir-rikorrenti ghall-*“lucrum cessans”,* l-istess socjeta` assigurattrici tablet prova ta’ dan u r-rikorrenti baqghu ma resqu xejn fir-rigward;

6. Illi konsegwentement ittiehdet il-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-vertenza odjerna ma tipprezentax diffikultajiet tali li zewg socjetajiet assigurattrici, zewg ufficji t’avukati u qorti, m’ghandhomx jizbrigaw b’gustizzja fi zmien qasir;

Illi tenut kont li l-incident originali sehh f’Lulju tas-sena 2005 u decizjoni fi prim’istanza qed tittiehed fis-sena 2009 hu ta’ ghajb ghal kull min hu nvolut;

Ikkunsidrat:

Illi d-danni gew ikkawzati mill-intimati li ma jirrizultawx li kienu kapaci joperaw “*crane”* b’mod li ma jkunux ta’ perikolu ghalihom u ghal terzi;

Illi s-socjeta` assigurattrici li tant uriet premura biex tissodisfa l-precett tal-precizzjoni ma tirrizultax li hi parti f’din il-procedura, liema

procedura hi indirizzata esklussivament fil-konfront ta’ l-intimati kif identifikati fir-rikors promotur u fir-risposta taghhom ghall-istess;

Illi pero` konvenjentement, dawn l-intimati qatt ma pprezentaw ruhhom biex iwiegbu fil-qorti ghal din il-vertenza u ghazlu l-ehfef triq li jistahbew wara l-velu ta’ misteru li s-socjeta` assigurattrici li ppromovew tipprezentalhom;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti hi konvinta mill-*buona fede* tar-rikorrenti u qed titfa` l-piz mizeru taghha wara l-verzjoni minnhom ipprezentata;

Illi di piu` hi sodisfatta wkoll bl-ammonti minnhom indikati bhala hsarat sofferti minnhom kagun ta’ l-inkompetenza ta’ l-intimati li ghazlu li ma jidhrux f’din il-procedura biex jissottomettu ruhhom ghall-kontro-ezami tant essenzjali fi procedura bhal taghna;

Ghaldaqstant, filwaqt li ghar-ragunijiet fuq esposti, tirrespingi r-rimanenti zewg (2) risposti ta’ l-intimati, takkolji pjenament it-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-intimati fuq indikati huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti kagun ta’ l-incident datat it-28 ta’ Lulju tas-sena 2005 meta b’rizultat ta’ xoghol li kien qed isir mill-istess intimati msemmija tkissru irrimedjabbilment tined, imwejjed u siggijiet proprjeta` tar-rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta’ elfejn, sitt mija u erbgha u sittin Lira Maltin, (LM2,664.00,0), ekwivalenti ghal sitt elef mitejn u hames Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€6,205.45);

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi mid-data ta' dan ir-rikors promotur l-10 ta' Lulju tas-sena 2007."

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza biex jitolbu l-varjazzjoni taghha in kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni. In essenza, hi s-sottomissjoni taghhom illi huma kellhom jaghmlu tajjeb ghar-rizarciment ta' zewg *canopies* u, in kwantu ghal valur taghhom, fis-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) gjaladarba l-erba' *canopies* kienu mill-attur assikurati ghal total ta' elf u sitt mitt lira (Lm1600). Addizzjonalment, illi l-ewwel Qorti ma kellhiex taccetta l-pretensjoni ta' l-atturi ghal telf ta' qligh gjaladarba ma giet prodotta ebda prova konkreta fir-rigward;

Dan, in sintesi, hu l-aggravju principali tal-konvenuti, anke jekk ghall-kompletezza jrid jinghad illi huma lmentaw ukoll mill-element tal-VAT fuq is-somma kapitali tar-rizarciment u dwar id-dekorriment ta' l-imghaxijiet. Ilmenti dawn, li dwarhom ikkonkordaw ukoll l-atturi appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom u, konsegwentement, ma hemmx htiega li l-Qorti tissofferma fuqhom;

Meta wiehed jiskarna s-sentenza appellata minn kull dizzjoni goffa jew espressjoni ta' fehma skonsiderata, ghandu jirrizulta illi l-materja li kellha tircievi l-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet tivverti dwar l-accertament tad-danni u ta' l-entita` taghhom, anke ghaliex l-atturi rtiraw l-eccezzjoni preliminari taghhom kontestanti r-responsabilita` ghall-akkadut;

Qabel kull konsiderazzjoni ohra huwa forsi utli li jsiru dawn l-osservazzjonijiet estratti mid-dottrina legali u l-gurisprudenza fuq il-materja:-

1. In via generali d-dixxiplina normattiva tar-rizarciment tad-danni extra-kontrattwali hi, skond l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili, abbinata mal-konsegwenzi

immedjati u diretti ta' l-event dannuz. B'dan il-mod il-legislatur ried jiddelimita r-rizarciment ghat-telf subit u ghal qligh mankat li jikkonsegwi mill-fatt dannuz in bazi ghal "*id quod plerumque accidit*". Li jfisser, illi l-legislatur ried jakkolla fuq il-persuna responsabbli mhux kwalunkwe riperkussjoni patrimonjali izda biss id-danni veri u proprji. F'kelma wahda, il-legislatur ma riedx li jkunu inkluzi kwalsiasi danni, huma x'inhuma, izda dawk biss li jkollhom konnessjoni mal-fatt illecitu. Anke f'din il-perspettiva n-ness guridiku ghandu rwol importanti ghal skop tad-danni riparabbli in kwantu ghall-utilita` li jallaccja d-danni kollha fis-serje kawzali ma' event wiehed specifiku;

2. Bla dubju, l-indagini dwar liema huma d-danni diretti u immedjati jikkoinvolgi valutazzjoni ta' fatt u din, ordinarjament, tesula mis-sindikar da parti ta' din il-Qorti ta' revizjoni jekk tinstab li hi sorretta minn motivazzjoni sobrija u adegwata;

3. Premess dan, tajjeb li wiehed jisottolineja illi l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li <u>ragonevolment</u> jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu (ara "**Bugeja -vs- Cassar**", Appell Civili, 1 ta' April, 1966). Ukoll, tezisti dik l-esigenza li d-danneggjat bi dmir ghandu jaghmel dak kollu li hu <u>ragonevoli</u> biex inaqqas il-hsara ("**Blackman -vs- Formosa**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1994 u "**Sullivan -vs- Grixti**", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 1999). F'dan il-kuntest hu wkoll ritenut illi l-kwestjoni ta' x'inhu ragonevoli li jaghmel id-danneggat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari (ara "**Mallia -vs- Moore**", Appell Civili, 26 ta' Novembru, 1954) u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" ("**Aquilina -vs- Schembri**", Appell Civili, 24 ta' Jannar, 1969);

4. Valevoli dejjem li jigi wkoll sottolinejat illi r-regola ghandha tkun illi d-dannu reklamat m'ghandux ikun sors ta' approfittar jew ta' lukru u li l-mizura tar-rizarciment m'ghandhiex tissupera l-interessi lezi. Ara "**Borg *nomine et* -vs- Schembri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Jannar, 1965;

Posta l-qaghda kif tinzel mill-premess illi l-pregudizzju patrimonjali soffert u l-vantagg akkwistat ghandhom jidderivaw mill-istess event tad-dannu, u ammess ukoll il-principju ta' gustizzja naturali u tal-logika guridika illi d-danneggjant m'ghandux jitghabba b'pizijiet zejda, straordinarji jew irragonevoli, l-appellanti kien jenhtiegilhom jipprovaw ghall-konvinciment tal-Qorti illi l-ispiza inkorsa mill-attur appellat ghas-sostituzzjoni tal-*canopies* danneggjati ma kienetx wahda ragonevoli;

Fil-kuntest kif jinzel mill-korp ta' l-appell taghhom, l-argoment kollu ta' l-appellanti jsegwi dan il-perkors. La saret hsara fi tnejn biss mill-erba' *canopies*, l-atturi ma kellhomx jissostitwuhom kollha u jitolbu l-hlas intier ta' erba' *canopies*. Sussidjarjament, la dawk l-erba' *canopies* kellhom ghal fini assikurattiva l-valur komplessiv ta' Lm1600, l-ammont massimu li huma kienu tenuti jirrizarcixxu ma kellux jissupera t-tmien mitt lira (Lm800) korrispondenti ghal zewg *canopies*;

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-appellanti m'ghandhomx ragun ghal dan l-argument sottopost minnhom, u dan ghall-konsiderazzjonijiet segwenti:-

1. Bhala punt ta' fatt jirrizulta mix-xhieda ta' l-attrici Rita Sultana (Fol. 16) illi l-ammont minnha pretiz (Lm1600) kien ikopri r-rimpjazzament ta' zewg *canopies* u mhux ta' erbgha;

2. Bhala punt ta' dritt jrid jinghad illi l-kumpens rizarcitorju pretiz ma ghandux jigi ridott ghal dik ir-raguni ventilata mill-appellanti ghaliex dik, skond din il-Qorti, ma tistax isservi bhala gwida idoneja u tajba. Ghalkemm hu minnu illi l-valur assikurattiv kien dak ta' Lm1600 ghall-erba' *canopies*, dak il-fatt ghandu l-fonti u r-raguni guridika tieghu fil-kuntratt ta' assikurazzjoni bejn l-atturi u l-assigurazzjoni taghhom u tali ma kellux jincidi fuq il-*quantum* tar-rizarciment effettiv dovut. Tezisti raguni ghal

dan. Dak il-fatt u dak il-valur jidderivi minn titolu divers u indipendenti mill-fatt ta' l-imgieba illecita u tal-konsegwenzi li jitnisslu minnha;

3. Dak li invece kellu jigi accertat u deciz huwa jekk il-konsegwenzi tal-kondotta illecita kienux jiggustifikaw l-import tal-valur ghas-sostituzzjoni taz-zewg *canopies*. Jidher, fil-hsieb tal-Qorti, minn dak li jinzel mir-rizultanzi istruttorji illi l-ispiza sostenuta mill-atturi appellati kienet korrispondenti ghal kost objettiv tal-*canopies* fiz-zmien tar-rimpjazzjament. Din il-fehma hi wkoll assodata mill-prova li jaghmel is-Survey Report (fol. 30) redatt mill-kumpanija assigurativa ta' l-appellanti fejn giet provvduta bhala "Estimate of Loss" ic-cifra ta' Lm2000. Dan in rigward ghal *canopies* iddanneggjati u l-imwejjed u s-siggijiet distrutti;

4. Kien forsi jaghmel aktar sens ghall-appellanti illi kieku pprestaw maggur rigward u enfasi lill-punt tal-"*wear and tear*" taz-zewg *canopies* mibdula, u li kienu nxtraw xi sentejn jew tlieta qabel l-event. Dan anke ghaliex, kif rilevat, id-diminuzzjoni fl-ammont tar-rizarciment mitlub kienet tkun hekk akkordabbli "in proporzjon ghall-vantagg konkret" (ara "**Zammit -vs- Calleja**", Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 1977). La l-appellanti ma nsistewx dwar dan, mhux ghal din il-Qorti li tinoltra ruhha fuq dan il-punt;

Jifdal li jigi konsiderat il-kap tad-danni ghat-telf ta' qligh allegatament subit. Fuq dan il-punt tezisti fl-atti l-allegazzjoni ta' l-attrici Rita Sultana illi ghaz-zmien (xahrejn) impjegat biex jigu sostitwiti l-canopies hi tilfet, approssimattivament, xi hmistax-il lira (Lm15) kuljum. Apparti li din il-pretensjoni tressqet ghall-ewwel darba fil-kors tal-kawza, l-ebda prova korroborattiva ohra permezz ta' dokumenti ma giet avvanzata mill-appellati biex fuqha almenu, fl-impossibilita` tal-prova preciza u accertata ta' dan ir-ras tad-danni, il-vojt seta` jigi kolmat bl-uzu ta' l-"arbitriju boni viri" u ekwitattiv mill-Qorti, kif hekk jissuggerixxu l-atturi appellati bir-risposta ta' l-appell taghhom li ghandu jsir. Dwar dan il-Qorti trid tfakkar illi, kif

drabi ohra ritenut minnha, gudizzju f'dak is-sens kien necessarjament jippresupponi illi l-atturi ma kienux ezonerati mill-oneru li, fil-minimu, jressqu dawk l-elementi probatorji sufficjenti ghal fini li jkun stabbilit, ukoll *ex aequo et bono*, il-kwantum tad-dannu reklamat ghat-telf ta' qligh. Din il-Qorti mhix sodisfatta li dan sar f'dan il-kaz u l-ewwel Qorti zbaljat meta ghaddiet biex takkolji t-talba ghal dawn ix-xorta ta' danni, astrattament ikkalkolati. L-aggravju f'dan is-sens qieghed konsegwentement jigi accettat u s-somma kanonizzata mill-ewwel Qorti ridotta bl-ammont ta' disa' mitt lira (Lm900). Oltre dan, gjaladarba hemm qbil, qed jitnaqqas ukoll l-ammont ta' Lm85.15 rizervat ghall-VAT (ara dokument a fol. 19).

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata billi takkolji l-aggravju tal-konvenuti appellanti limitatament in mertu ghad-danni ghal telf ta' qligh u konsegwentement tirreduci l-kwantum tal-kumpens rizarcitorju ghal elf sitt mija tmienja u sebghin lira hamsa u tmenin centezmu (Lm1678.85) ekwivalenti ghal tlett elef disa' mija u ghaxar euro, sebgha u sittin centezmu (€3910.67). Hi din is-somma li l-konvenuti qed jigu kkundannati li jhallsu lill-atturi, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew fil-proporzjon ta' zewg terzi (2/3) mill-konvenuti appellanti u terz (1/3) mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------